MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF
## PHILIP SCIBERRAS

Seduta tas-27 ta' Gunju, 2003

Citazzjoni Numru. 308/1996/1

**Vincent Vella**

**Vs**

**John Borg**

**Il-Qorti;**

Rat l-att tac-citazzjoni li bih l-attur premessi d-dikjarazzjonijiet necessarji u moghtija l-provvedimenti opportuni;

Premess illi l-attur ghandu qatgha raba fil-limiti tal-Mellieha, maghrufa bhala r-raba tal-Witgha tal-Mizieb, li ghaliha huwa ilu minn dejjem ighaddi bir-rigel u bl-ingenji min-naha ta' fuq tal-qatgha raba adjacenti fl-istess raba tal-Witgha tal-Mizieb li tappartjeni lill-konvenut;

Premess illi f'dawn l-ahhar granet il-konvenut ingombra l-passagg bil-hatab u ghalqu halli l-attur ma jkunx jista' jghaddi, u b'hekk cahhad lill-attur mid-dritt ta' passagg arbitrarjament u abbuzivament;

Talab ghalhekk l-attur lil din l-Onorabbli Qorti sabiex:-

Tiddikjara illi l-konvenut spolja lill-attur mid-dritt tal-passagg bir-rigel u bl-ingenji min-naha ta' fuq tal-qatgha tar-raba tal-Witgha tal-Mizieb limiti tal-Mellieha detenuta mill-konvenut u ghamel dan arbitrarjament u abbuzivament; u tikkundanna lill-konvenut sabiex fi zmien perentorju inehhi l-ingombru mill-passagg imsemmi u jhalli lill-attur jghaddi bir-rigel u bl-ingenji ghall-qatgha tar-raba adjacenti ghal dik tal-konvenut min-naha ta' fuq kif ghadda ghaliha s'issa u b'hekk l-attur jigi re-integat fid-dritt tieghu tal-passagg imsemmi;

Bl-ispejjez kontra l-konvenut;

Rat id-dikjarazzjoni guramentata ta' l-istess attur u l-lista tax-xhieda minnu indikati;

Rat in-Nota ta' l-Eccezzjonijiet tal-konvenut li permezz taghha huwa eccepixxa:-

1. Illi t-talbiet ta' l-attur huma nfondati fil-fatt u fid-dritt billi hu ma gie spoljat mill-eccipjent bl-ebda mod minn xi dritt li jappartjeni lilu;

2. Salvi eccezzjonijiet ohra;

Rat id-dikjarazzjoni guramentata ta' l-istess konvenut u l-lista tax-xhieda minnu indikati flimkien ma' l-elenku tad-dokumenti esebiti;

Rat id-digriet tas-6 ta' Ottubru 1998 li permezz tieghu gew nominati bhala esperti gudizzjarji l-avukat Dr. Mark Chetcuti u l-AIC Rene` Buttigieg biex jisimghu x-xhieda u

jezaminaw il-pjanti u l-permessi mahruga u wara li jaccedu l-post, jipprezentaw ir-rapport taghhom;

Rat ir-relazzjonijiet ta' l-imsemmija periti nominati li jinsabu a fol. 99 *et sequitur* tal-process u li gew minnhom debitament konfermati fl-udjenza ta' l-10 ta' April 2002;

Rat in-nota ta' kritika tal-konvenut ghar-rapport tal-perit legali;

Rat l-atti kollha tal-process.

Ikkonsidrat:-

Minn kif koncepita c-citazzjoni l-azzjoni hawn proposta mill-attur hi dik ta' spoll privileggjat, li bhala karatteristici ewlenin taghha ghandha (i) <u>il-fatt</u> ta' pussess jew detenzjoni u (ii) <u>il-fatt</u> ta' l-ispoll;

"Kwantu ghall-pussess, il-ligi tikkontempla l-pussess materjali, kien liema kien, u mhux il-pussess *animo domini*; u l-konvenut f'kawza ta' reintegrazzjoni mhux lecitu li jinvestiga x-xorta ta' pussess ta' l-attur ... Konsegwentement ghal din l-azzjoni l-ligi ma tirrikjedix il-prova tal-legittimita` tal-pussess turbat, u takkorda r-reintegrazzjoni anke favur il-pussessur in mala fede" - "**Maria Dolores Mifsud -vs- Michele Galea**", Appell Civili, 29 ta' Marzu 1957;

Minn dan is-sunt huwa car li l-kritika tal-konvenut ma hijiex guridikament sostenibbli. Dan fejn isostni fin-Nota tieghu (fol. 132) illi l-attur qatt ma kellu "l-allegat pussess reali, kontinwu u bil-miftuh fuq il-passagg" meritu tal-kawza;

Dan anke ghaliex, kif pacifikament akkolt, "il-pussess li trid il-ligi fl-ispoljat ghall-fini ta' l-azzjoni ta' reintegrazzjoni ma hemmx bzonn ikun il-pussess b'titolu ta' proprjeta` jew ta' servitu`, izda bizzejjed pussess kwalunkwe, anzi purament materjali u di fatto" ("**Annetto Xuereb**

**Montebello** ***et*** **-vs- Paolina Magri** ***et***", Appell Civili, 19 ta' Gunju 1953). "Anki pussess qasir hafna, u sahansitra pussess momentaneu, huwa bizzejjed biex jawtorizza l-azzjoni ta' spoll" ("**Rev. Kan. Salvatore Ellul** ***proprio et nomine*** **-vs- Kan. Primicerju Giuseppe Farrugia**", Prim' Awla, Qorti Civili, 7 ta' Frar 1953);

Minn dawn il-konsiderazzjonijiet huwa bil-wisq evidenti u logiku illi l-indagini tal-Qorti ghandha tkun limitata ghal fatt tal-pussess jew detenzjoni. "Indagini limitatissima, rigoruza u skarna li ma tinsab f'ebda legislazzjoni ohra u ghalhekk, bir-rispett kollu ghal decizjonijiet li ppermettew indagnijiet ibbazati fuq x'jghidu u ma jghidux guristi u awturi Francizi u Taljani, huma ghal kollox irrilevanti u inapplikabbli fil-kuntest ta' l-ordinament guridiku taghna" - "**Carlo Cardona** ***et*** **-vs- Francesco Tabone**", Appell Civili, 9 ta' Marzu 1992; "**Rosina Agius** ***et*** **-vs- Angelo Agius**", Appell Civili, 2 ta' Novembru 1994;

Wara kollox, f'materja ta' spoll, u ex-Artikolu 791 tal-Kapitolu 12, ma tistax tigi konsentita ebda eccezzjoni qabel ma ssir ir-re-integranda, ukoll ghaliex l-azzjoni intentata hi ta' ordni pubbliku fejn "il-fini taghha huwa dak li jigi restawrat l-istat tal-pussess li jkun gie skonvolt jew turbat" - "**Margherita Fenech -vs- Pawla Zammit**", Prim' Awla, Qorti Civili, 12 ta' April 1958;

Jidher ghalhekk li "din l-azzjoni hija koncepita bhala wahda rapida u effikaci bl-iskop li ma thalli lil hadd jiddisturba stat ta' fatt arbitrarjament u hija ntiza unikament biex iggieghel lil min ikkommetta l-ispoll li jerga' jqieghed il-haga fl-istat li kienet qabel ma ddistrubaha" - "**Francesco Busuttil -vs- Gioacchino Scerri** ***proprio et nomine***", Prima Awla, Qorti Civili, 14 ta' Maru 1997 (Vol. LXXXI P III p 54);

Issa l-fatti fil-kaz prezenti huma konsimili ghal bosta ohrajn fejn l-allegazzjoni centrali ta' l-attur tikkoncerna t-tfixkil riskontrat minnu, htija tal-konvenut, fl-ezercizzju ta' passagg jew moghdija konducenti ghar-raba tieghu. Il-Qorti allura trid, in bazi ghall-konsiderazzjonijiet fuq maghmula, tistabilixxi x'kien ix-xorta u l-kwalita` ta'

pussess li minnu l-attur ikun gie provat li gie spoljat, liema oneru tal-prova jinkombi b'obbligu fuq l-attur innifsu. Dan hu hekk imperattiv aktar u aktar fejn, bhal f'dan il-kaz, il-konvenut qed jikkontrastalu proprju dan l-istess pussess;

Bhala stat ta' fatt jirrizulta mill-provi illi r-raba kollu tal-Witgha tal-Mizieb kien detenut bi qbiela minn Karmena Attard, in-nanna ta' l-attur. Il-kwestjoni tikkoncerna bicctejn minn dan ir-raba li bil-qasma kienu messew lil Paul Vella, ziju ta' l-attur. Irrizulta li mal-mewt ta' dan ta' l-ahhar bicca ghaddiet ghand Salvu Fenech u bicca ohra ghand Karmena Vella. Prezentement l-bicca detenuta minn Salvu Fenech tinsab f'idejn l-attur u dik li kellha Karmena Vella tinsab ghand il-konvenut bhala cessjonarju ta' l-inkwilinat in forza ta' skrittura datata 21 ta' Lulju 1989, esebita a fol. 20;

Dan kollu huwa pacifiku bejn il-kontendenti. Id-divergenza bejniethom tinsab fil-fatt illi filwaqt li l-attur jikkontendi illi bhal Salvu Fenech qablu hu baqa' jaghmel uzu minn passagg minn fuq il-parti tar-raba li tinsab f'idejn il-konvenut u ftit il-barra minn xi sigar tal-frott imhawwla taht il-hajt, il-konvenut isostni illi l-attur kellu, skond ftehim li kien intlahaq, jghaddi ghall-bicca tar-raba tieghu minn naha ta' isfel. Ix-xhieda prodotti jsostnu skond il-kaz t-tezi l-wahda jew l-ohra tal-kontendenti. Filwaqt li dawk prodotti mill-attur, essenzjalment John Caruna (fol. 35) u ulied l-attur, Joseph (fol. 36) u David (fol. 37) ahwa Vella jaffermaw illi l-attur jghaddi minn fuq passagg minn naha ta' fuq (indikat bhala punt 'A' sa punt 'B' fuq il-pjanta tal-perit tekniku a fol. 124), ix-xhieda tal-konvenut, u cjoe, ommu Speranza Borg (fol. 51) tirribatti illi l-passagg kellu jkun minn punt 'A' sa punt 'D', dejjem kif muri fuq l-imsemmija pjanta;

Jinghad ukoll mill-konvenut u minn ommu illi l-attur dejjem gie akkostat meta ipprova jghaddi mill-passagg ta' fuq u ghallanqas, il-konvenut jafferma wkoll illi hu ma ghandux oggezzjoni li l-attur jghaddi minnu minhabba l-istat fiziku tieghu;

Pero` kif ben tajjeb irrileva l-perit relatur, il-konvenut fl-ebda mument ma jghid li l-attur dejjem uza l-passagg minn naha ta' isfel; anzi, ghall-kuntrarju, kien konsapevoli mill-fatt illi dan kien qed juza l-passagg ta' fuq ghax kien isib sinjali fil-hamrija;

Minn dan kollu stabbilit mill-provi l-Qorti hi tal-fehma li fil-kaz in ezami ma tezisti l-ebda ekwivocita` fir-rigward ta' l-ezistenza tal-pussess materjali u di fatto ta' l-acess li effettivament kien u baqa' jigi uzat mill-attur. Tali pussess kien ukoll wiehed manifest, tant li skond l-istess konvenut kien hemm okkazjonijiet fejn huwa ipprotesta ma' l-attur dwar dan l-uzu mill-passagg disputat u sahansitra irrikorra ghand il-Pulizija biex jintavola rapport;

Effettivament in tema ta' dritt "*il solo caso in cui il giudizio di spoglio puo essere sospeso, si e`, quando il possesso fosse equivoco e non manifesto, perche allora mancherebbe la concorrenza di uno degli estremi voluti dalla legge per l'esercizio di detta azione*" ("**Michel' Angelo Buttigieg *et* -vs- Fra Filippo da Malta, Padre Custode dei Minori osservanti della Velletta *et***", Appell Civili, 1 ta' Marzu 1869; "**Not. Francesco Saverio Camilleri -vs- Susanna Giglio *et***", Prim' Awla, Qorti Civili, 26 ta' Jannar 1883). Fil-kaz *de quo* din il-problema ma tinsorgix billi, kif manifest, mill-fatti jirrizulta l-univocita` tal-pussess jew detenzjoni vantat mill-attur. U kif sewwa rrimarka l-perit legali l-iskrittura tac-cessjoni tal-qbiela bejn Karmena Vella u l-konvenut, li fiha l-attur ma kienx kompartecipi, hi *res inter alios acta* ghall-posizzjoni ta' l-istess attur;

Ukoll fl-opinjoni ta' din il-Qorti ma jirrizultax illi l-ezercizzju da parte ta' l-attur tal-passagg in diskussjoni kien qieghed isir bit-tolleranza tal-konvenut billi, kif ghal kuntrarju jirrizulta, l-uzu kien wiehed pjuttost regolari. Opportunement, imbaghad, tajjeb li jigi rigwardat l-aspett sostenut f'xi sentenzi illi "l-kwestjoni tat-tolleranza lanqas ma ghandha tigi ezaminata f'dan il-gudizzju semplicement possessorju privileggjat" - "**Kaptan Serafino Xuereb -vs- Nobbli Charles Sant Fournier *nomine***", Appell Civili, 12 ta' Dicembru 1952; "**Vincent Borg -vs- Charles Dalli**",

Appell Civili, 12 ta' Marzu 1984; "**Nazzarena Sant *et* -vs- Rita Sammut**", Appell, 7 ta' Ottubru 1996; "**Paul Buttigieg -vs- Raymond Buttigieg**", Appell, 6 ta' Ottubru 2000;

Il-konvenut jikkontesta wkoll il-fatt ta' l-ispoll u jghid li ma ngiebetx prova fejn intefghu l- izkuk u lanqas ma saret prova jekk l-access giex limitat;

Bl-invers ta' dak ritenut mill-konvenut jirrizulta mill-Affidavit ta' l-attur (fol. 26) illi "f'Jannar 1996 il-konvenut arbitrarjament u abuzivament ghalaq il-passagg imsemmi bil-hatab u zkuk tad-dwieli u sigar". Din il-prova hi anke korroborata minn uliedu Joseph u David ahwa Vella u konfermata bil-kostatazzjoni ta' l-espert tekniku fejn jafferma fir-relazzjoni tieghu illi fl-ewwel access tat-12 ta' Jannar 1999 huwa kien irriskontra zkuk ta' dwieli li kienu ta' ostakolu ghal-liberu passagg;

Issa hu ben maghruf illi "biex jirrikorri l-element tal-fatt materjali ta' l-ispoll, mhux mehtieg, biex dan ikun vjolat, li jkun hemm il-*vis atrox* jew *le vie di fatto*, imma hu bizzejjed li jkun hemm nuqqas ta' kunsens, espress jew tacitu, ta' min isofri l-ispoll" - "**Carmelo Rosario Dimech -vs- Antonia Fenech *et***", Prim' Awla, Qorti Civili, 26 ta' Jannar 1957; "**Ersilia Zahra -vs- Aurelio Carabott**", Appell Civili, 2 ta' Dicembru 1955;

Jigi osservat ukoll illi "mhux mehtieg li jkun hemm il-privazzjoni totali tal-haga, imma bizzejjed li jkun hemm diminuzzjoni tal-pussess, tfixkil fid-drittijiet, jew hsara lil min isofri l-ispoll; u ghalhekk huma ukoll indifferenti z-zmien li jkun dam l-ispoll u l-entita` tat-tfixkil jew hsara lill-ispolljat" - "**Caterina Vella -vs- Giovanni Vella**", Prim' Awla, Qorti Civili, 4 ta' Novembru 1957;

Dak li hu allura essenzjali hu l-fatt li sar att arbitrarju kontra l-volonta` tal-persuna spoljata. Prova din li ghall-finijiet ta' l-azzjoni giet stabbilita. "Taht dawn ic-cirkostanzi l-Qorti ma ghandhiex ghalfejn tokkupa ruhha mill-element tal-klandestinita`, ghax il-ligi taghna, ghall-finijiet ta' l-azzjoni ta' spoll privileggjat, tikkonsidra

sufficjenti li jkun hemm ir-rekwiziti tal-vjolenza jew tal-klandestinita` u mhux li jkun hemm iz-zewg rekwiziti f'daqqa." - "**Nazzareno Desira -vs- Victor Lungaro**", Appell Civili, 20 ta' Jannar 1961.

Ghal dawn il-motivi;

Prevja l-adozzjoni tar-relazzjoni peritali, taqta' u tiddeciedi l-kawza billi tiddikjara fl-ewwel lok illi l-konvenut ikkommetta spoll fil-konfront ta' l-attur meta fixkel lil dan fl-ezercizju tal-passagg minn fuq il-bicca tar-raba tieghu mill-ghalqa "Tal-Witgha tal-Mizieb" limiti Mellieha;

Konsegwentement din il-Qorti tikkundanna lill-konvenut biex zmien gimghatejn inehhi kull haga ingombranti jew ta' ostakolu ghall-istess passagg liberu biex l-attur ikun jista' bla tfixkil jghaddi ghal parti tar-raba tieghu mill-passagg ta' fuq, kif ahjar dimostrat fil-pjanti tal-perit tekniku a fol. 124 tal-process, u b'hekk jirreintegra lill-attur fid-dritt ta' access bir-rigel u bl-ingenji minn fuq dan l-istess passagg.

L-ispejjez tal-kawza ghandhom jigu sopportati mill-konvenut.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------